MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1122/1991/1

**Pauline u Carmelo konjugi Schembri**

**vs**

**Paul u Mary Rose konjugi Farrugia, u Michael Ghigo dan bhala eredi universali tal-mejjet Carmelo Bugeja, u b'digriet tat-12 ta' Jannar 1993 giet inkluza mal-konvenuti Mary Ghigo**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-4 ta' Novembru 1991 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-atturi ghal zmien disgha xhur u cioe' mid-19 ta' Settembru 1990 sal-15 ta' Lulju 1991 ipprestaw servigi u

assistenzi lill-mejjet Carmelo Bugeja kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt il-kawza;

Illi l-istess atturi nkorrew spejjes kbar waqt li kkonvertew il-garage li ghandhom adjacenti ghad-dar taghhom “Madonina” Triq Widnet il-Bahar, Zurrieq, bhal fond residenzjali ghall-mejjet Carmelo Bugeja kif ser jirrizulta mix-xhieda;

Illi l-konvenuti interpellati bhala eredi tal-mejjet Carmelo Bugeja biex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnhom u ghall-likwidazzjoni ta’ kumpens ghas-servigi u assistenzi resi;

Illi l-konvenuti ghandhom f’idejhom effetti tal-atturi liema effetti jinsabu fid-dar tal-mejjet Carmelo Bugeja;

Talbu li din il-Qorti:

1. Tillikwida, occorrendo permezz ta’ periti nominandi din is-somma li jidhrilha gusta bhala kumpens ghas-servigi u assistenzi resi mill-atturi lill-imsemmi Carmelo Bugeja;

2. Tikkundannhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti bhala kumpens ghas-servigi;

3. Tiddikjara li l-atturi sofrew danni konsistenti f’taghmir tal-garage taghhom bhala residenza tal-mejjet Carmelo Bugeja;

4. Tillikwida d-danni sofferti ai fini tat-tielet talba;

5. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi dik is-somma likwidata ai fini tar-raba talba;

6. Tikkundannhom jirritornaw lill-atturi l-effetti taghhom li kienu jinsabu gewwa l-fond tal-mejjet Carmelo Bugeja.

Bl-ispejjes u bl-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Paul u Mary Rose Farrugia u Michael Ghigo fejn qalu:
1. Illi fl-ewwel lok, il-gudizzju eventwali f'dina l-kawza ma jistax ikun integru peress li ma gewx imharrka l-eredi universali kollha tal-mejjet Carmelo Bugeja;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati peress li fil-fatt kienu l-konvenuti li kienu jiehdu hsieb tal-mejjet Carmelo Bugeja;

3. Illi dwar l-ispejjez li ntefqu sabiex il-garage imsemmi mill-atturi jsir abitabbli, l-istess atturi gew rimborsati ampjament ghall-ispejjez li nefqu, ghalkemm dan il-'garage' ma kienx fil-fatt abitabbli. Dan kollu jirrizulta ahjar fil-kors tal-kawza;

4. Illi dwar l-oggetti li qeghdin jghidu li jappartjenu lilhom, l-atturi hadu dak kollu li deherilhom li kellhom jiehdu mill-fond li kien jghix fih Bugeja, u ma ghad fadal xejn li jappartjeni lilhom u ghal liema ma thallsux ghalih;

5. Illi l-konvenuti wiegbu ghall-pretensjonijiet tal-atturi b'ittra ufficjali fejn spjegawlhom kif il-pretensjonijiet taghhom huma totalment infondati;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Mary Ghigo fejn qalet:

1. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma totalment infondati peress li fil-fatt kienu l-konvenuti li kienu jiehdu hsieb il-mejjet Carmelo Bugeja;

2. Illi dwar l-ispejjez li ntefqu sabiex il-garage imsemmi mill-atturi jsir abitabbli, l-istess atturi gew rimborsati ampjament ghall-ispejjez li ntefqu ghalkemm dan il-'garage' ma kienx fil-fatt abitabbli. Dan kollu sejjer jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi dwar l-oggetti li qeghdin jghidu li jappartjenu lilhom, l-atturi hadu dak kollu li deherilhom li kellhom jiehdu mill-fond li kien jghix fih Bugeja, u ma ghad fadal xejn li jappartjeni lilhom u ghal liema ma thallsux ghalih;

4. Illi l-konvenuta Mary Ghigo wiegbet ghall-pretensjonijiet tal-atturi b'ittra ufficjali fejn spjegatilhom kif il-pretensjonijiet taghhom huma totalment infondati;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-16 ta' Dicembru 1991 fejn gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Saviour Demicoli sabiex jiehu x-xhieda u jircievi dokumenti;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Novembru 1993 li permezz tieghu ghall-imsemmi assistant gudizzjarju giet sostitwita l-assistenta gudizzjarja l-Avukat Dottoressa Maria Dolores Gauci;

Rat il-verbali kollha tax-xiehda u n-noti tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Kumpens ghal servigi**

Il-konvenuti eccepew li l-pretensjonijiet ta' l-atturi ghal kumpens ghas-servigi rezi lill-mejjet Carmelo Bugeja, kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex kienu l-istess konvenuti li hadu hsiebu lil dan. Pero` mill-provi mressqa jirrizulta li mhux biss il-konvenuti kienu rendew servigi, izda wkoll l-atturi.

Skond l-affidavit ta' l-attrici Pauline Schembri a fol 62, wara li Carmelo Bugeja kien xtara l-fond nru. 64 Triq San Luqa, Zurrieq, *'ahna konna close hafna mieghu, gieli qrajtlu l-ittri meta kellu bzonn, u gieli hadtu l-isptar u qdejtu*

*fil-htigijiet tieghu personali bhal nixtrilu'.* Kompliet tispjega li *'l-post ta' Saint Luke's Street, naddaftulu jiena u zbajnieh ahna. Meta kien f'dan il-post kellu bzonn jixtri ghamara, twapet, xi lozor u purtieri u fil-fatt hlejna granet shah induru mieghu jiena u r-ragel … ir-ragel ghamillu l-geyser'.* U bhala prova esebiet kopja ta' l-ircevuti fejn kien hemm ukoll indikat in-numru tat-telefon taghhom. Aktar 'l isfel fl-affidavit taghha, hi kompliet telabora fuq is-servigi rezi. Kompliet tghid li *' Nghid ukoll illi ... ha hsieb ghaddielu d-dawl u l-ilma. Di piu` nghid li dawn l-affarijiet kollha saru matul il-perjodu ta' l-ahhar sena qabel ma miet. Nghid li konna mmorru narawh kuljum u nzommulu kumpanija, kont immur nixtrilu. Ir-ragel kien ha hsieb haslu darbtejn qabel mar l-isptar u fil-fatt meta kien imur l-isptar ir-ragel kien jiehdu … Nghid illi anke kelli prokura tieghu fejn kont nassistih fil-banek'.*

L-attur, ir-ragel taghha Carmelo Schembri, xehed bl-istess mod.

Fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 1995, in kontro-ezami l-attrici kompliet tispjega *'Kien hemm xi zewg sodod tal-hadid. Wahda minnhom gibnieha u zebaghha zewgi, kellu zewg bozoz antiki tal-fjuri u arlogg tal-bozza kbir u r-ragel tieghi bidilhom il-base ghax kienu kollha susa. Dawn morna ghalihom ma' zewgi bil-karozza taghna … peress li Menu ried hajt divisorju, ahna konna ghamilna bieb tal-injam. Mort mieghu jien stess ghand Xuereb u zewgi zebahulu u Menu hallas ghal dan il-bieb. Menu ghamel guard tal-hadid ghal xi twieqi u ahna zbajnihomlu wkoll. Menu kien xtara bank zghir ghall-kcina u zewgi kien ghamillu l-ilma u ghaddielu l-plumbing. Menu kellu kamra tal-banju zghira u il-geyser wahhalulu u ffitjahulu zewgi u anke d-dawl. Peress li l-bini kien antik zewgi rrangalu u ghamillu xi plakka u ghaddielu d-dawl. Meta Menu qabbad bajjad biex ibajjadlu fuq iehor, zewgi kien ghenu itella' hajt bil-gebel tal-bricks, fuq, bhala cinta. Id-dawl ta' Saint Luke Street baqa' fuq barra. Nahseb li bil-casing'*. Il-konvenut Paul Farrugia fl-affidavit tieghu a fol 161 jaqbel li l-elettriku kien baqa' fuq il-*casing* u wkoll ighid li Carmelo Bugeja kien biddel xi bibien ghaliex kienu qodma.

Ix-xhud Maria Concetta Mangion, li kien joqghod bieb ma' bieb maghha Carmelo Bugeja gewwa Triq San Luqa, ikkonfermat fix-xiehda taghha tas-seduta tat-12 ta' Lulju 1994, a fol 132 li *'Jiena naf li l-attrici kienet tahsillu ghaliex darba tefatli l-ilma fuq il-bejt u kont ghidtilha biex ma titfax iktar … Lil Pauline Schembri gieli inzertajtha tahsel barra, anki fuq il-bejt'* u in kontro-ezami *'Rajtha darbtejn zgur lill-attrici tahsel, pero` l-bqija ma nafx x'kienet taghmel, pero` kont nismaghha iccekcek. Il-bqija smajt vit jinfetah'.* Kienet osservat ukoll li *'Ma kontx narah hafna lil Carmenu Bugeja. Jiena ma nahsibx li raqad hafna f'dik id-dar, pero` ma nafx. Ma nistax nghid jekk id-dar kinitx tkun vojta. Meta kien ikun hemm Carmenu l-attrici kienet tkun hemm, ghax kienet titla' anke mieghu. Pero` ma jfissirx li kull darba li kien ikun hemm Carmenu kienet tkun hemm l-attrici wkoll'.* Imbaghad mistoqsija jekk kinitx rat xi nies ohra ghand il-mejjet Carmelo Bugeja, iddikjarat li qatt ma kienet rat lil haddiehor.

Catherine D'Amato li wkoll kienet toqghod fl-istess Triq San Luqa, qalet fix-xiehda taghha fis-seduta tat-12 ta' Settembru 1994, a fol 142, li hi kienet rat lill-attrici ghand Carmel Bugeja, izda *'Jiena naf lill-Menu l-iktar fir-razzett. Jiena ma nafx min kien jidhol ir-razzett ghax ma noqodx hemm'.*

Joseph Mangion, cioe` r-ragel ta' Maria Concetta Mangion li ghalhekk ukoll kien joqghod bieb ma' bieb mad-dar ta' Carmelo Bugeja f'Triq San Luqa, Zurrieq, ikkonferma fix-xiehda tieghu tas-seduta tat-12 ta' Lulju 1994, a fol 136, li l-atturi kienu jmorru f'dan il-fond. Hu kien jarahom l-aktar filghodu hemm u ma kienx jarahom b'konsistenza *'Gieli rajthom darba f'gimgha, gieli darba kull tlett gimghat u gieli ma rajthomx'.* Kompla jispjega li lill-attrici darba minnhom kien raha tahsel u lill-attur kien rah jaghmel is-serratura. Ukoll lill-attrici kien raha ma' Carmelo Bugeja meta kienu gabulu xi ghamara. Izda zied ighid li Carmelo Bugeja *'kien iktar mhux hemm milli kien hemm f'dik id-dar … kien imur joqghod mal-bhejjem f'kamra fi triq il-Wied iz-Zurrieq stess. Jiena naqbel li Carmenu rari hafna raqad fid-dar ta' hdejja'.*

Emanuel Borg li jahdem il-bank, jispjega fix-xiehda tieghu tas-seduta tat-12 ta’ Settembru 1994, li lil Carmelo Bugeja jiftakru l-bank flimkien ma’ l-attrici *‘u peress li kien xih jien gieli qabbizthom. Dan kien jigri darba kull tant, jigifieri ghal xhur’.*

Irid jigi osservat li ghalkemm l-attrici l-ewwel tghid li l-post ta' Triq San Luqa zebghuh huma, wara tghid li *‘Ghamilna xoghol ta’ tindif li kien konsiderevoli in vista li kien ghadu kemm kien gie l-bajjad’.* Hekk ukoll ir-ragel taghha li filwaqt li l-ewwel ighid li l-post zebghu u, aktar tard ighid *‘Il-post ta’ St. Lukes Road kien bajdu wiehed ismu ma nafux pero` naf li kien kennies. … Menu Bugeja qalilna li … xtaq isib lil xi hadd iehor biex jaghmel xoghol fuq il-faccata u gewwa wkoll … Jiena dak iz-zmien kont nahdem JB Plastics Limited u kien hemm wiehed jahdem maghna u bhala part time kien jaghmel dan ix-xoghol li jismu Raymond Bongailas u li joqghod tal-Handaq, Hal Qormi. Gie u tah stima u Nenu kien accettah li jaghmillu x-xoghol … Nahseb li huwa Jimmy Garnisi l-ewwel wiehed li bajjadlu l-post’.*

Il-konvenuta Mary Farrugia pero` ma taccettax li l-atturi rendew kwalunkwe servigi lejn Carmelo Bugeja, u fl-affidavit taghha a fol 176 tghid li dan ghaliex l-istess Carmelo Bugeja kien ighix fir-razzett vicin id-dar taghha u *‘kien jiehu hsieb tieghu nnifsu fis-sens li kien isajjar u jnaddaf hu u anke jaghmel xi xirja hu …’*. Terga’ tikkonferma dan fil-kontro-ezami taghha fejn tghid *‘Karmenu kellu 76 sena meta miet. Karmenu kien dejjem kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu. Ma kienx marid fis-sodda, kien ikun dejjem fl-ghalqa’.* Imbaghad il-konvenut zewgha Paul Farrugia fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 1998, imur oltre ghaliex jinnega li l-attrici qatt daret b’Carmelo Bugeja. In kontro-ezami jghid *‘F’dawn l-ahhar tliet xhur jiena qatt ma rajtha lill-attrici ddur ma’ Karmenu u sa ftit qabel ma dahal l-isptar, Karmenu kien jahsel il-hwejjeg hu u jsajjar hu u jaghmel il-facendi jigifieri jiknes hu. Karmenu ma kellu bzonn lil hadd’.*

Il-konvenut Michael Ghigo fl-affidavit a fol 154 hu ta’ l-istess fehma. Ighid *‘Hu kien b’sahhtu bizzejjed biex jiehu*

*hsieb tieghu nnifsu u kien anke icekcek xi haga fir-raba'.* In kontro-ezami a fol 207 isostni li *'Karmenu kellu 78 meta miet u hu minn dejjem ghex wahdu. Hu kien jghix wahdu gor-razzett'.*

Jigi notat pero` li l-konvenuti la xehdu fid-dettal b'riferenza ghax-xiehda ta' l-atturi u lanqas resqu xhieda li xehdu b'mod kuntrarju ghal dak li ddikjaraw l-atturi fir-rigward tas-servigi li rendew lil Carmelo Bugeja konsistenti fix-xoghol li huma kienu ghamlu fid-dar tieghu ta' Triq San Luqa, tisjir ta' ikel, hsil ta' hwejjeg, qadi fil-bank, ecc.

Skond l-attrici, Carmelo Bugeja kien hadhom darbtejn ghand in-Nutar Pubbliku fejn ghamel testmenti favur taghhom bhala kumpens tas-servigi li rendew favurih. In kontro-ezami fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 1995, a fol 150, tghid *'Qatt ma tlabtu flus kemm tajtu peress li kien hadni darbtejn biex jaghmel testment, jiena ma kontx infittex mieghu.'.* Fil-fatt jirrizulta mit-testment maghmul fid-29 ta' Dicembru 1990, fl-atti tan-Nutar Dott. Mario Bugeja, li Carmelo Bugeja permezz tal-hames artikolu ta' dak it-testment, innomina lill-atturi bhala eredi universali tieghu *'u dan bil-patt li jkomplu jiehdu hsieb u jduru bih'*, liema kliem allura huma konferma tal-fatt li l-istess atturi kienu diga` rendewlu servigi lilu fid-data tat-testment imsemmi, cioe` fid-29 ta' Dicembru 1990.

Jigi notat ukoll li fit-testment ta' l-istess Carmelo Bugeja tas- 6 ta' Lulju, 1991 (kopja Dok. C10 a fol 30), skond il-hames artikolu halla bhala eredi universali tieghu fi kwoti ugwali lill-konvenuti u dan *'bil-patt li huma jiehdu hsiebu sal-mewt'*. B'hekk wiehed jista' jifhem li Carmelo Bugeja kellu certu preokkupazzjoni dwar il-fatt li hu kellu bzonn lil xi hadd li jdur bih, ukoll jekk hu kien dak iz-zmien jiehu hsieb innifsu kif seta'. Fil-fatt fl-affidavit tieghu a fol 155 il-konvenut Michael Ghigo jghid *'Kienet din il-habta meta l-attrici bdiet tahdem. Karmnu qalli li kien inkwetat hafna peress li issa zgur mhux ser ikollha zmien iddur bih'.* Ukoll, skond l-atturi fl-affidavit taghhom rispettivi a fol 62 u a fol 64 jirrizulta li Carmelo Bugeja *'kien xtara dan il-post bl-iskop li kienet gejja toqghod mieghu n-neputija tieghu li hija armla u t-tifel taghha. Pero` ggieled maghha u ma*

*marritx toqghod mieghu'.* Dan jikkonfermah il-konvenut Paul Farrugia fl-affidavit tieghu a fol 161. Jinghad ukoll li jekk kif tghid l-attrici in kontro-ezami fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 1995, Carmelo Bugeja *'kien bniedem difficli u lanqas kien jinhasel. Fir-razzett ta' hdejna lanqas toilet ma kellu. Menu ma kienx igeniku',* zgur wiehed ma jistax ighid li kien kapaci jiehu hsieb lilu nnifsu mija fil mija. Anzi, mix-xiehda tan-Nutar Dott. Mario Bugeja fis-seduta tat-30 ta' Jannar 1996 a fol 190, u cioe` xhud li zgur m'ghandu l-ebda nteress fl-ezitu tal-kawza, jirrizulta li *'Menu kien isemmi li kien jaghti lill-attrici xi basal u patata biex issajjar hi u x'affarijiet ohra zghar'.*

L-attur Carmelo Schembri fil-kontro-ezami tieghu tas-seduta tad- 29 ta' Novembru, 1995, a fol 187, iddikjara li hu ma kienx baqa' jkellem lil Carmelo Bugeja minn xi tliet gimghat qabel ma miet *'Pero` r-relazzjoni taghna mieghu bdiet sejra lura minn mindu inharqitlu l-ghalqa'.* Dan kien fis-6 jew fis-7 ta' Gunju 1991. L-attrici in kontro-ezami a fol 183 kkonfermat dan.

Jirrizulta minn dak li jghid in-Nutar Dott. Mario Bugeja fix-xiehda tieghu a fol 191 li l-mejjet Carmelo Bugeja *'Kull min ha hsiebu ghal xi ftit ghamlu sagrificcju ghax kien bniedem impossibbli … Ma niftakarx li ghamel xi prokura lil xi hadd. Kien bniedem li ma jafda lil hadd. Menu kien jiggieled ma' diversi persuni. Din kienet haga regolari. L-unika persuna konsistenti li kien ighid li hu jingwala mieghu kien Michael Ghigo … Ghalina jidhru affarijiet zghar pero` ghalih kienu kbar. Peress li ma kellu xejn kienu kbar. Michael Ghigo kien close hafna ma' Menu ghax it-tnejn kienu bir-raba'.* L-istess Michael Ghigo jitfa' dawl fuq il-problemi li Carmelo Bugeja kellu sahansitra mal-familja tieghu ghaliex fil-kontro-ezami tieghu a fol 208 ighid *'Sa fejn naf jien kellu zewg neputijiet u ppruvajt ninforma lil wiehed minnhom biss, ghax- l-iehor kont naf li kien miggieled mieghu u sahansitra kienu fil-Qorti. Waqt il-funeral kien ghaddej dan in-neputi tieghu u kien qalilna "Itfawh rasu l-isfel". Malli morna nghidu lil wiehed minn neputi tieghu li miet, beda jidghi bih u joffendina'.* Forsi ghalhekk Carmelo Bugeja kien kisirha ma' bosta persuni,

tant li fl-ahhar ta' hajtu kien qed jipprometti sahansitra li jhalli kollox lil dawk li jiehdu hsiebu.

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna dejjem irriteniet li ma jistax jigi prezunt li xi hadd ikun rez servigi lejn haddiehor bil-hsieb li ma kien ser jircievi l-ebda kumpens. (Ara *Francis Borg vs Carmen Gaffiero et* Prim'Awla 28/3/03; *Joseph u Mary konjugi Cassar vs Espedito Spiteri cit. 582/94* Prim'Awla 4/10/02; *Sarah Caruana vs Francis Mallia cit. nru. 1384/97RCP* Prim'Awla 25/4/02; *George Sciberras et vs Josephine Spiteri et cit. nru. 438/93DS* Prim'Awla 13/2/01; *Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi* Qorti ta' l-Appell 24/5/89; *Mary Grace Attard et vs Rosario Attard* Vol. LXXIII.II.396 Appell Civili tat-13/10/89; *Elizabeth Vassallo vs Francoise Sultana* Appell Kummercjali 11/2/74; *Carmela Farrugia et vs Mary Abela* 6/10/61; *Gio Maria Zammit et vs Av. Dott. Joseph Vella noe* Qorti ta' l-Appell ta' 1/12/58; *Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi* Prim'Awla 6/10/54; Vol. XXXVIII.II.568; *Ester Farrugia et vs Nutar Dr. Carmelo FArrugia noe* Qorti ta' l-Appell 14/2/38; *Felicia Felice vs Giuseppe Vella* Prim'Awla 22/6/1875).

Anzi, ghall-kuntrarju, kif gie osservat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet *'Francis Borg vs Carmen Gaffiero et*:

*'L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. (“**Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et”** Prim'Awla, Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1954). Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment (**“Elizabeth VAssallo vs Francoise Sultana”,** Appell Kummercjali, 11 ta' Frar, 1974; **“Mary Grace Attard vs Rosario Attard”,** Appell Civili, 13 ta' Ottubru, 1989)*'.

L-intenzjoni ta' l-atturi, kif ukoll tal-mejjet Carmelo Bugeja tirrizulta cara minn dak li diga` nghad aktar 'il fuq u specifikatament

(i) in kontro-ezami fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju, 1995, a fol 150, l-attrici tghid *'Qatt ma tlabtu flus kemm tajtu peress li kien hadni darbtejn biex jaghmel testment, jiena ma kontx infittex mieghu.';* u
(ii) fit-testment maghmul fid-29 ta' Dicembru, 1990, fl-atti tan-Nutar Dott. Mario Bugeja, Carmelo Bugeja permezz tal-hames artikolu ta' dak it-testment, innomina lill-atturi bhala eredi universali tieghu *'u dan bil-patt li jkomplu jiehdu hsieb u jduru bih'*.

B'hekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Farrugia u Michael Ghigo, u l-ewwel eccezzjoni ta' Mary Ghigo ghandhom jigu michuda u t-talba attrici ghal-likwidazzjoni tal-kumpens opportun akkordata.

Il-perijodu li ghalih l-atturi qeghdin jitolbu li jithalsu kumpens huwa mid-19 ta' Settembru 1990 sal-15 ta' Lulju 1991. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex ma taccettax dan il-perijodu bhala dak li ghalih ghandhom jigu kumpensati meta wiehed jikkonsidra li Carmelo Bugeja kien ghamel it-testment fejn innomina lill-atturi bhala eredi universali tieghu fid-29 ta' Dicembru 1990 u mhux mistenni li wiehed jaqbad u jaghmel testment minnufih li xi hadd jibda jrendi assistenza; inoltre biddel dak it-testment fil-15 ta' Gunju 1991, probabilment ad insaputa taghhom u ghalhekk ma jistax jigi eskluz li assistenza baqghet tinghata anke wara dik id-data.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri pprezentata mill-atturi, jissuggerixxu li l-ammont li ghandu jithallas lilhom bhala kumpens huwa ta' Lm160, u cioe` Lm4 fil-gimgha ghal erbghin gimgha. Meta titqies in-natura tas-servigi li l-atturi rrendew lil Carmelo Bugeja u z-zmien involut, il-Qorti hi tal-fehma li din is-somma mhijiex eccessiva u ghalhekk hi wahda gusta.

**Danni**

Fl-affidavit taghha a fol 62, l-attrici tghid *'Nghid li wara xi zmien dan Bugeja xeba' joqghod iz-Zurrieq wahdu Saint Luke's Street u talabna jekk nistghux nirrangawlu l-kamra ta' quddiem biex ighix maghna. Fil-fatt jiena ghandi garage kbir mad-dar u ghidtlu li nattrezzahulu. Huwa kien kuntent hafna b'din l-ideja'.* Jigi notat li din il-verzjoni hi kuntrarja ghal dik li xehed Michael Ghigo permezz ta' l-affidavit tieghu a fol 154 fejn qal li l-attrici *'offrietlu sabiex imur ighix fil-garage taghha taht l-art fejn toqghod hi. Dan qaluli Karmenu stess. Qaltlu li biex tiehu hsiebu … Karmenu kellu jiktbilha kollox jigifieri ihallilha l-proprjeta` tieghu kollha wara mewtu. Wara xi xhur … Karmnu acceta biex imur ighix fil-garage'.*

L-attrici tkompli fl-affidavit taghha tghid li '*anke weghdna li jaghtina erba' mitt lira ta' l-ispejjez … Nghid li l-erba' mitt lira qatt ma tahomlna' .* L-attur Carmelo Schembri in kontro-ezami a fol 187 accetta li l-mejjjet Carmelo Bugeja qatt ma kien dahal fil-fond in kwistjoni *'Pero` fil-bidu hu kien xtaq li jidhol fil-garage u kien qabbadni li nqabbad bajjad u geghelni naghmel hafna spejjez … Jiena nikkonferma li l-Lm450 ma thallasniex taghhom. Dan kien il-prezz tax-xoghol li kelli naghmel fil-garage biex il-post ikun attrezzat ghalih'.* Izda mbaghad fin-nota ta'sottomissjonijiet ulterjuri taghhom l-ammont pretiz tela' ghal Lm631.05. Ta' min ighid hawn li fl-istess nota ulterjuri taghhom l-atturi jindikaw ukoll somma ohra ta' Lm140.99 ghall-ispejjez elenkati fl-istess nota u li jgidu li ghamlu fir-residenza tal-mejjet Carmelo Bugeja. Ovvjament dawn ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni peress li m'hemm l-ebda talba f'dan ir-rigward fic-citazzjoni fejn l-atturi qeghdin jitkellmu biss dwar l-ispejjez li allegatament ghamlu biex jattrezzaw il-garage taghhom bhala fond residenzjali ghad-*decuius*.

Min-naha taghha l-attrici tispjega li Carmelo Bugeja kien weghdha li kien ser ihallas ghall-ispejjez f'Awissu u *'ghalhekk ahna ma hadniex passi aktar qabel biex nithallsu. Fil-fatt fis-sebgha ta' Awissu, baghtli n-Nutar ittra li ma ghandux bzonni bhala prokuratrici u l-ghada dahal l-isptar u ma kellix ic-cans niehu passi qabel'.* B'dan il-kliem wiehed jifhem li l-attrici ghal xi raguni jew

ohra ma tantx kienet qeghda tafda lil Carmelo Bugeja li kien ser jaghtiha l-flus ghall-ispejjez li kienet ghamlet.

Izda fil-15 ta' Gunju 1991 Carmelo Bugeja kien hassar it-testment li permezz tieghu kien innomina lill-atturi bhala eredi universali tieghu u nkluda r-raba' artikolu fejn iddikjara li *'ghal kull bon fini … hallas is-somma ta' erba' mija u hamsin lira maltin (Lm450) lil Carmelo u Pauline Schembri talli rrangaw il-garage ta' mad-dar taghhom sabiex hu jmur joghqod maghom. It-testatur jiddikjara li hu qatt ma mar jghix maghhom, u dan peress li huma ma mxewx mieghu bil-mod li xtaq hu, peress li jhoss li ma rahx dak ir-rispett xieraq'*. In-Nutar Dott. Mario Bugeja a fol 192 spjega li *'Rigward l-artikolu 4 tat-testment tal-15-6-1991 irrid nghid li Menu ghamilha u semma dik is-somma ghax beza' li Pauline setghet tfittxu ghal xi hlasijiet'.* Dan il-kliem tan-Nutar jirrifletti wkoll dak li kienu bi hsiebhom jaghmlu l-atturi, u cioe` kif qalet l-attrici kwotata aktar 'il fuq li tiehu passi.

L-istess attrici in kontro-ezami a fol 184 tal-process kompliet issostni li hi qatt ma kienet irceviet flus skond kif il-mejjet Carmelo Bugeja kien iddikjara fit-testment tieghu tal- 15 ta' Gunju, 1991. Dan kuntrarjament ghal dak li gie ddikjarat mill-konvenuti fix-xiehda taghhom u fid-dikjarazzjoni tal-fatti pprezentati minnhom. Huma jistriehu fuq il-fatt li l-mejjet Carmelo Bugeja kien ipprovda fit-testment tieghu tal-15 ta' Gunju 1991, kif diga` citat. Izda b'testment iehor tas-6 ta' Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok. C10 a fol 30), Carmelo Bugeja rrevoka u hassar kull testment li kien ghamel sa dakinhar, inkluz mela dak tal-15 ta' Gunju 1991. F'dan l-ahhar testment tieghu t-testatur ma jsemmi xejn dwar dik is-somma ta' Lm450. Ghaliex? Il-Qorti mhijiex se tippruva tispekula izda ssostni biss li t-talba attrici ghall-hlas ta' danni ma tistax tigi michuda merament fuq il-bazi ta' dak li t-testatur kien iddispona fit-testment tieghu tal-15 ta' Gunju 1991.

Fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom, l-atturi jghidu *'Illi huma nkorrew spejjez kbar fis-sens li bidlu l-garage*

*taghhom bhala fond ghall-mejjet Bugeja u in effett anke ordnawlu a spejjez taghhom xi ghamara'.*

Fl-affidavit taghha l-attrici telenka diversi spejjez li tghid li ghamlu biex irendu abitabbli l-garage taghhom ghal Carmelo Bugeja. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha relattivi u ma tistax ma tistaqsix jekk effettivament l-ircevuti li rreferiet ghalihom l-attrici jirrapprezentawx kollha spejjez li l-atturi ghamlu fil-garage. Hekk l-attrici tghid li d-Dok. C2 sa C4 huma spejjez li ghamlu fil-garage. L-istess tghid dwar d-Dok. ABC2 u ABC3. Izda d-Dok. C3 datat 26 ta' Lulju 1991 huma spejjez tal-bajjad filwaqt li fid-Dok. ABC2 insibu l-ewwel ircevuta li tirrapprezenta xoghol ta' zebgha minn certu Raymond Bongailas meta l-attur stess xehed li Raymond Bongailas kien jahdem mieghu u kien qabbdu biex jaghmel xoghol fir-residenza ta' Carmelo Bugeja f'St. Luke's Road. Inoltre jigi notat li d-dati f'l-ircevuti Dok. C2 sa C4 jidhru li jirrapprezentaw perijodu differenti minn dawk fid-Dok. ABC2 u ABC3, ta' l-ewwel meta kien qieghed isir xoghol fil-garage u ta' l-ahhar meta kien qieghed isir xoghol fir-residenza ta' Carmelo Bugeja f'St. Luke's Road. Difatti bhala parti mid-Dok. ABC2 hemm ukoll ircevuta dwar tabella li saret proprju ghall-post ta' St. Luke's Road. Id-diskrepanza fl-affidavit ta' l-attrici giet innotata mill-atturi stess peress li fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri taghhom efettivament jindikaw l-ispejjez skond id-Dok. ABC2 u ABC3 bhala li saru fid-dar ta' Carmelo Bugeja li, kif diga` l-Qorti ndikat, ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni.

Il-Qorti tosserva wkoll li, filwaqt li fl-affidavit taghha l-attrici tirreferi wkoll ghad-Dok. C5, C6 u C7, dawn la jinsabu esebiti ma' l-affidavit u lanqas ma' l-atti l-ohra tal-kawza u b'hekk l-unici dokumenti li jistghu b'xi mod jigu kkunsidrati huma d-Dok. C2, C3 u C4. Izda l-atturi huma ntitolati ghal dawn l-ispejjez jew parti minnhom?

L-atturi jichdu li Carmelo Bugeja kien hallashom Lm450.

Il-konvenuta Mary Farrugia tghid fl-affidavit taghha *'Ftit xhur qabel ma miet Karmenu, jiena ltqajt mal-attrici fuq il-karozza tal-linja u qaltli li kienet ser tbajjad il-garage biex*

*imur joqghod Karmenu fih peress li fid-dar taghha ma riditux. F'okkazjoni ohra qaltli li peress li kien wasal it-tifel taghha ghal precett ma setghetx taghmel spejjez hi ghalhekk kien johrog kollox Karmenu biex tirranga l-garage'.*

Il-konvenut Michael Ghigo jsostni li *'Il-garage mhux veru qatt ma tranga ruhu sa kemm dam Menu haj u l-ircevuti tista' tirrangahom kif trid'.* Il-konvenuta Mary Farrugia in kontro-ezami tghid *'qatt ma dahal fil-garage. Il-garage jiena rajtu minn barra. Meta l-bieb ikun miftuh fil-garage ikun hemm karozza, dghajsa u mbarazz' .* Il-konvenut Paul Farrugia jghid in kontro-ezami fis-seduta tas-27 ta' Novembru 1998, *'Hu kien qalli li kien ta lil Pauline l-Lm450 biex tirranga l-garage u go dan il-garage qatt ma dahal. Hu qalli li kien lest li wara li tghaddi l-burraxka tal-marda, ifittixha hu stess ghalihom. Meta konna niltaqghu ghandu Menu kien dejjem jilmenta fuqhom dawn l- Lm450 … Karmenu kien ighidli li hu talabhomlha dawk il-flus lill-attrici'.* Difatti jeccepixxu li l-atturi thallsu ampjament ghall-ispejjez li saru minnhom.

L-atturi allegaw li sofrew danni konsistenti fit-taghmir tal-garage taghhom bhala residenza ta' Carmelo Bugeja. Jirrizulta li Carmelo Bugeja fil-fatt qatt ma dahal joqghod f'dan il-garage izda jirrizulta wkoll li l-atturi kienu bdew jiehdu passi biex jirrangaw il-garage. L-atturi jallegaw li Carmelo Bugeja ma hallashomx Lm450 ghall-ispejjez li ghamlu. Dan hu kontradett mhux biss mit-testment li ghamel Carmelo Bugeja fil-15 ta' Gunju 1991 izda wkoll mix-xiehda ta' Mary Farrugia u ta' Paul Farrugia. Fil-fehma tal-Qorti, meta tqis dan kollu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw imqar fuq bilanc ta' probabilita` li huma ntitolati ghal xi somma in lineja ta' danni ghal dak li lehqu ghamlu fil-garage taghhom, aktar u aktar meta lanqas jirrizulta li b'dak li lehqu ghamlu huma biddlu d-destinazzjoni tieghu bhala garage.

**Oggetti**

L-attrici Pauline Schembri fl-affidavit taghha a fol 62 stqarret li *'Inoltre tajtu wkoll linfa, fanal ta' l-intrata, xi vazuni tat-tizjin, ash-tray'* u fis-sitt talba taghhom l-atturi

qeghdin jitolbu li jigu ritornati mill-konvenuti l-effetti taghhom li kienu jinsabu fil-fond tal-mejjet Carmelo Bugeja. Min-naha taghhom il-konvenuti eccepew li *'l-atturi hadu dak kollu li deherilhom li kellhom jiehdu mill-fond li kien ighix fih Bugeja, u ma ghad fadal xejn li jappartjeni lilhom u ghal liema ma thallsux ghalih'.*

Il-konvenuta stess Mary Farrugia tghid fl-affidavit taghha a fol 176 li '*Darb'ohra fix-xahar ta' Gunju, l-attrici giet id-dar ma' Karmenu u qaltli naghmillhiex pjacir nitla' sad-dar ta' Triq San Luqa maghha biex turih li halliet kollox sew fil-post qabel ma taghtih ic-cwievet. Meta dhalna fil-post hi qalet lil Karmenu "ara kif kollox sew ghandek" u hu wegibha "minn barra kollox sew hawn: fil-kxaxen mhiniex se noqghod infittex'. Ahna u hergin kien hemm qisha bowl zghira u staqsietu tistax tehodha ghax kienet tat-tifel. Hu qalilha biex tehodha. Wara qaltlu 'li hawn kollox tieghek: m'hawn xejn izjed minn tieghi" '*. Imbaghad in kontro-ezami l-attrici a fol 150 tghid *'Ma nafx ezatt id-data pero` nahseb li kien qabel ma ddahhal l-isptar, kemm gie talabni c-cavetta tal-post ta' San Luqa u qalli li ried jaghtiha lill Pawlu Farrugia. L-ghala ma nafx. Jiena mort ma Menu u habbatna lil Pawlu. Pawlu Farrugia ma kienx gie u giet il-mara tieghu'.* Kliemha jidher li qieghed jikkonferma dak ta' Mary Farrugia.

Wiehed ghandu jifhem li l-attrici qabel ma tat lura c-cavetta lil Carmelo Bugeja, kienet tiehu maghha dawk l-oggetti ta' valur li kienu jappartjenu lilha. Barra minn hekk minn dak li qalu l-atturi fl-affidavit rispettiv taghhom, u cioe` li "taw" l-oggetti msemmija lil Carmelo Bugeja, jidher li dawn kienu moghtija lilu bhala donazzjoni u mhux b'self. L-attrici fix-xiehda taghha ta' l-1 ta' Gunju 1995 (a fol. 151) tghid testwalment li *'flok ma tfajthom go rokna hadthom hemmhekk. Tajthomlu biex jirranga l-post….'* Jigifieri hi ma kellhiex uzu ghalihom u "tathomlu", u ghalhekk Carmelo Bugeja sar il-proprjetarju taghhom u m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li tippermetti li issa l-atturi jehduhom lura. B'hekk anke s-sitt talba ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt talbiet attrici, tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi ghas-servigi u assistenzi rezi minnhom lil Carmelo Bugeja fis-somma ta' mija u sittin liri Maltin (Lm160), u
(2) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata ta' mija u sittin liri Maltin (Lm160) bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal zewg-terzi mill-atturi u terz mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------